31 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Ercole Albanozzo pr. et ne. *versus* Emmanuele Spiteri

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ħanut — "Stevedore" — Art. 2 tal-Kap. 109**

*Fond mikri għand persuna li għandha s-sengħa ta' "stevedore", u li ġie mikri lilha biex fih tpoġġi l-għodda tal-mestjer tagħha, u li fil-fatt ikun adibit għal dak l-użu, huwa protett mill-Liġi tal-Kera bħala "ħanut"; u għalhekk din il-kwalità tal-fond hija ostattiva għat-talba tal-lokatur biex jieħu lura taħt idejh l-istess fond.*

Il-Qorti;—Rat ir-rikors li bih Ercole Albanozzo, għannom tiegħu u għad-ditta "Albanozzo & Co., Ltd.", talab li jerġa jieħu taħt idejh nofs (billi n-nofs l-ieħor qiegħed f'idejh) il-maħżen nru. 30 Bridge Wharf, Marsa, mikri lill-intimat Emmanuele Spiteri biex ipoġġi fih l-għodod ta' "stevedore", billi din is-sengħa tiegħu, u dan għax għandu bżonn il-fond kollu għall-użu tiegħu;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fit-3 ta' April 1957, li biha ġiet respinta t-talba, mingħajr taxxa tal-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi s-sengħa tal-intimat hija dik ta' "stevedore" u li nofs il-maħżen in kwistjoni ġie minnu mikri unikament biex fih ipoġġi l-għodda ta' dan il-mestjer tiegħu. Infatti r-rikorrent fir-rikors tiegħu qal...... Għalhekk il-fond imsemmi fir-rikors jidħol fid-definizzjoni ta' "ħanut" mogħtija fl-art. 2 tal-Ordinanza Nru. XXI tal-1931 (ara sentenza Appell Ċivili, 8 ta' Frar 1957, "Giuseppe Caruana vs. Nazareno Bugeja"), u konsegwentement protett mill-art. 13 taċ-ċitata Ordinanza;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Ercole Albanozzo proprio et nomine quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi t-talba tiegħu tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda mhux kontradetta tal-appellat (fol. 4) irriżulta li l-mestjer tiegħu huwa ta' "foreman" ta' li stevedores". Dawn m'humiex impjegati miegħu, u jirċievu l-ħlas tagħhom mill-aġenti, iżda naturalment jaħdmu taħt is-sorveljanza u taħt id-direzzjoni tal-"foreman". Ix-xogħol tagħhom jikkonsisti fil-karikazzjoni fuq il-vapuri u fl-iskarikazzjoni minn fuq il-vapuri, ta' merkanzija, u fit-trasport ta' qamħ, skond kuntratti li jagħmlu mal-Gvern. Għall-eżekuzzjoni tax-xogħol fuq imsemmi huma meħtieġa kwantità ta' għodod, tal-piż komplessiv ta' madwar ħames tunellati; u nofs il-maħżen in kwistjoni ġie mikri lill-appellat għall-iskop li fih jikkonserva u jpoġġi dik l-għodda;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi, art. 2 Ord. XXI tal-1931 (Kap. 109 Ediz. Riv.), fid-definizzjoni ta' "ħanut huwa kompriż kull fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti jew sengħa. L-istess appellat, fir-rikors quddiem il-Board, irrikonoxxa li l-appellat għandu s-sengħa ta' "stevedore", u li nofs il-maħżen ġie lilu mikri biex fih ipoġġi l-għodda tal-mestjer tiegħu. U

mill-fatt li dak il-maħżen ġie adibit għal dak l-użu, u li fiħ tiġi konservata dik il-kwantità kbira ta' materjal, huwa leċitu li wieħed jiddeżumi li f'dak il-post l-appellat għandu s-sedi prinċipali tal-mestjer tiegħu, u konsegwentement għad-domanda tal-appellant hija ostattiva d-dispożizzjoni tal-art. 13 tal-liġi fuq imsemmija. L-istess, f'każi analogi, ġie ritenut minn din il-Qorti, bis-sentenzi taż-17 ta' Ġunju 1955 in re "Gatt vs. Spiteri", u tat-8 ta' Frar 1957 in re "Caruana vs. Bugeja";

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant Albanozzo proprio et nomine.